# Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

8 ta' Ġunju 2023*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Networks u servizzi ta' komunikazzjoni elettronika – Direttivi 2002/19/KE, 2002/20/KE, 2002/21/KE u 2002/22/KE – Artikolu 49 TFUE – Libertà ta' stabbiliment – Artikolu 56 TFUE – Libertà li jiġu pprovduti servizzi – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti lill-awtorità regolatorja nazzjonali s-setgħa li tobbliga lill-operaturi ta' servizzi ta' telefonija jadottaw frekwenza minima għat-tiġdid tal-offerti u frekwenza minima għall-fatturazzjoni – Protezzjoni tal-konsumaturi – Prinċipju ta' proporzjonalità – Prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament"

Fil-Kawża C-468/20,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tad-9 ta' Lulju 2020, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-29 ta' Settembru 2020, fil-kawża

**Fastweb SpA,**

**Tim SpA,**

**Vodafone Italia SpA,**

**Wind Tre SpA**

vs

**Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni,**

fil-preżenza ta':

**Telecom Italia SpA,**

**Vodafone Italia SpA,**

**Associazione Movimento Consumatori,**

**U.Di.Con - Unione per la Difesa dei Consumatori,**

**Wind Tre SpA,**

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

**Assotelecomunicazioni (Asstel),**

**Eolo SpA,**

**Coordinamento delle associazioni per la tutela dell'ambiente e dei diritti degli utenti e consumatori (Codacons),**

**Associazione degli utenti per i diritti telefonici – A.U.S. TEL ONLUS,**

**Altroconsumo,**

**Federconsumatori,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Arabadjiev (Relatur), President tal-Awla, P. G. Xuereb, T. von Danwitz, A. Kumin u I. Ziemele, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Emiliou,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Fastweb SpA, minn F. Caliento, E. Cerchi, M. Contu, M. Merola u E. Pistis, avvocati,

– għal Tim SpA, minn F. Cardarelli, A. Catricalà, C. Cazzato u F. Lattanzi, avvocati,

– għal Vodafone Italia SpA, minn F. Cintioli u G. Lo Pinto, avvocati,

– għal Wind Tre SpA, minn A. Cassano, M. Clarich, I. Perego, G. M. Roberti u M. Serpone, avvocati,

– għal Associazione Movimento Consumatori, minn P. Fiorio u R. Viriglio, avvocati,

– għal Coordinamento delle associazioni per la tutela dell'ambiente e dei diritti degli utenti e consumatori (Codacons) u Associazione degli utenti per i diritti telefonici – A.U.S. TEL ONLUS, minn G. Giuliano u C. Rienzi, avvocati,

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn minn P. Palmieri, avvocato dello Stato, u minn M. Cherubini, procuratore dello Stato,

– għall-Gvern Franċiż, minn C. Mosser, E. de Moustier u N. Vincent, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn G. Braun, L. Malferrari u A. Spina, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-15 ta' Diċembru 2022,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 49 u 56 TFUE, tad-Direttiva 2002/19/KE tal-Parlament Ewopew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati (Direttiva ta' l-Aċċess) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 323), tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 337), tal-Artikolu 8(2) u (4) tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 349), kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU 2009, L 337, p. 37) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva Qafas") u tal-Artikoli 20 sa 22 tad-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet ta' l-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 367), kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU 2009, L 337, p. 37) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva Servizz Universali"), kif ukoll il-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ugwaljanza fit-trattament.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwimiet bejn erba' operaturi ta' telefonija fissa u mobbli li jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom ġewwa l-Italja, jiġifieri Fastweb SpA, Tim SpA, Vodafone Italia SpA u Wind Tre SpA, u l-Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni (l-Awtorità Regolatorja tal-Komunikazzjonijiet, l-Italja) (iktar 'il quddiem l-"AGCOM") dwar id-deċiżjoni ta' din l-awtorità li timponi frekwenza minima, minn naħa, għat-tiġdid tal-offerti kummerċjali u, min-naħa l-oħra, għall-fatturazzjoni tas-servizzi ta' telefonija fissa u mobbli.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 Il-qafas regolatorju komuni għas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika, għan-networks ta' komunikazzjoni elettronika, kif ukoll għar-riżorsi u s-servizzi releTati, fis-seħħ meta seħħew il-fatti tal-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"qafas regolatorju komuni"), huwa magħmul mid-Direttiva Qafas, kif ukoll minn erba' direttivi separati li jakkumpanjawha, fosthom id-Direttiva tal-Aċċess, id-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni u d-Direttiva Servizz Universali. Dawn id-direttivi tħassru bid-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018, li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU 2018, L 321, p. 36).

*Id-Direttiva tal-Aċċess*

4 L-Artikolu 1(1) tal-Direttiva tal-Aċċess kien jipprovdi:

"Fi ħdan il-qafas stipulat fid-[Direttiva Qafas], din id-Direttiva tarmonizza l-mod li bih l-Istati Membri jirregolaw l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ma', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati. [...]"

*Id-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni*

5 L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni kien jipprevedi:

"Din id-Direttiva għandha tapplika għall-awtorizzazzjonijiet għall-forniment ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi."

*Id-Direttiva Qafas*

6 Il-premessa 16 tad-Direttiva Qafas kienet tiddikjara:

"L-awtoritajiet nazzjonali regolatorji għandu jkollhom sett armonizzat ta' miri u prinċipji li jiggwidawhom, u għandhom, fejn meħtieġ, jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħom ma' l-awtoritajiet regolatorji ta' l-Istati Membri l-oħra fit-twettieq tax-xogħol tagħhom taħt dan il-kwadru regolatorju."

7 L-Artikolu 1(1) ta' din id-direttiva kien jipprovdi:

"Din id-Direttiva tistabbilixxi kwadru armonizzat għar-regolar ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, faċilitajiet assoċjati u servizzi assoċjati. Tistipula x-xogħol ta' l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji u tistabbilixxi settt ta' proċeduri biex tassigura l-applikazzjoni armonizzata tal-kwadru regolatorju mal-[Unjoni Ewropea]."

8 L-Artikolu 8 tad-Direttiva Qafas kien jipprevedi:

"1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li fit-twettieq tax-xogħlijiet regolatorji speċifikati f'din id-Direttiva u fid-Direttivi Speċifiċi, l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa li huma mmirati lejn il-ksib tal-miri stipulati fil-paragrafi 2, 3 u 4. Dawk il-miżuri għandhom ikunu proporzjonati ma' dawk il-miri.

[...]

2. L-awtoritajiet nazzjonali regolatorji għandhom jippromwovu l-kompetizzjoni fil-provista tan-networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati u servizzi billi fost ħwejjeġ oħra:

(a) jiżguraw li l-utenti, nklużi utenti b'disablità, jieħu l-benefiċċju massimu f'termini ta' għażla, prezz, u kwalità;

[...]

4. L-awtoritajiet nazzjonali regolatorji għandhom jippromwovu l-interessi taċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea billi fost ħwejjeġ oħra:

[…]

(b) jassiguraw livell għoli ta' protezzjoni ta' konsumaturi meta jittrattaw mal-provdituri, b'mod partikolari billi jassiguraw id-disponibilità ta' proċeduri sempliċi u mhux għaljin fir-riżoluzzjoni ta' tilwim mwettqa minn korp li jkun indipendenti mill-partijiet involuti;

[…]

(d) jippromwovu l-provista ta' informazzjoni ċara, b'mod partikolari li teħtieġ trasparenza ta' tarifi u kondizzjonijiet għall-użu ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjonijiet elettroniċi;

[…]

5. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom, fis-segwitu tal-għanijiet politiċi msemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4, japplikaw prinċipji regolatorji oġġettivi, trasparenti, non-diskriminatorji u proporzjonati billi, *inter alia*:

[…]

(b) jiżguraw li, f'ċirkostanzi simili, ma jkun hemm ebda diskriminazzjoni fit-trattament ta' intrapriżi li jipprovdu networks ta' komunikazzjoni elettronika u servizzi;

[…]"

*Id-Direttiva Servizz Universali*

9 Skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva Servizz Universali:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jabbonaw għal servizzi li jipprovdu konnessjoni lil network ta' komunikazzjonijiet pubbliċi u/jew servizzi talkomunikazzjoni elettronika pubblikament disponibbli, konsumaturi, u utenti oħra aħħarin li hekk jitolbu, għandhom dritt għal kuntratt ma' impriża jew impriżi li jipprovdu tali konnessjoni u/jew servizzi. Tali kuntratt għandu mill-anqas jispeċifika f'forma ċara, komprensiva u ħafifa u aċċessibbli:

[…]

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-abbonati jkollhom id-dritt li jirtiraw il-kuntratti tagħhom mingħajr penali ma' avviż ta' modifiki għad-detriment tal-abbonat filkondizzjonijiet kuntrattwali proposti mill-impriżi li jipprovdu networks u/jew is-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika L-abbonati għandhom jingħataw avviż adegwat, mhux anqas minn xahar, bil-quddiem ta' modifikazzjonijiet bħal dawk u għandhom ikunu nfurmati fl-istess waqt biddritt tagħhom li jirtiraw, mingħajr penalità mill-kuntratti tagħhom, jekk ma jaċċettawx il-kondizzjonijiet il-ġodda. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkunu jistgħu jispeċifikaw tali notifiki."

10 L-Artikolu 21(1) tad-Direttiva Servizz Universali kien jipprevedi:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkunu jistgħu jobbligaw lill-impriżi li jipprovdu networks pubbliċi ta' komunikazzjoni elettronika u/jew servizzi pubbliċi ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli għall-pubbliku biex jippubblikaw informazzjoni trasparenti, komparabbli, adegwata u aġġornata dwar il-prezzijiet u t-tariffi applikabbli, kwalunkwe ħlasijiet minħabba t-terminazzjoni ta' kuntratt u informazzjoni dwar termini u kondizzjonijiet standard fir-rigward tal-aċċess u l-użu tas-servizzi tagħhom pprovduti minnhom lill-utenti finali u lill-konsumaturi skont l-Anness II. Din l-informazzjoni għandha tkun ippubblikata f'forma ċara, komprensiva u li tkun faċilment aċċessibbli. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jistgħu jispeċifikaw rekwiżiti addizzjonali rigward il-forma li fiha tali informazzjoni għandha tiġi pubblikata."

11 L-Artikolu 22(1) u (3) ta' din id-direttiva kien jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, wara li jkunu ħadu kont tal-fehmiet tal-partijiet interessati, ikunu jistgħu jobbigaw lill-impriżi li jipprovdu networks u/jew servizzi ta' komunikazzjoni elettronika pubblikament disponibbli biex jippubblikaw informazzjoni komparabbli, xierqa u aġġornata għall-utenti finali dwar il-kwalità tas-servizzi tagħhom u dwar miżuri meħudin biex ikun żgurat aċċess indaqs għall-utenti finali b'diżabbiltà. [...]

[...]

3. Sabiex tiġi evitata d-degradazzjoni tas-servizz u t-tfixkil jew r-rallentar tat-traffiku fuq in-networks, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkunu jistgħu jistabbilixxu kwalità minima ta' rekwiżiti tas-servizzi dwar impriża jew impriżi li jipprovdu networks ta' komunikazzjonijiet pubbliċi.

[...]"

### *Id-dritt Taljan*

12 L-Artikolu 1(1) tal-legge n. 481 – Norme per la concorrenza e la regolazione dei servizi di pubblica utilità. Istituzione delle Autorità di regolazione dei servizi di pubblica utilità (il-Liġi Nru 481 dwar ir-regoli ta' kompetizzjoni u r-regolamentazzjoni tas-servizzi ta' utilità pubblika, kif ukoll dwar it-twaqqif tal-awtoritajiet regolatorji tas-servizzi ta' utilità pubblika) tal-14 ta' Novembru 1995 (GURI Nru 270 tat-18 ta' Novembru 1995, p. 1, iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 481/1995"), jipprevedi:

"Id-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi jfittxu li jiggarantixxu l-promozzjoni tal-kompetizzjoni u tal-effiċjenza fis-settur tas-servizzi ta' utilità pubblika [...] kif ukoll ta' livelli xierqa ta' kwalità f'dawn is-servizzi, f'kundizzjonijiet ta' profittabbiltà u effiċjenza, billi jiżguraw il-faċilità tal-użu tagħhom u l-introduzzjoni uniformi tagħhom fit-territorju nazzjonali kollu, billi jistabbilixxu sistema tariffarja ċerta, trasparenti u bbażata fuq kriterji ddefiniti minn qabel, billi jippromwovu l-protezzjoni tal-interessi tal-utenti u tal-konsumaturi, fid-dawl tal-leġiżlazzjoni [tal-Unjoni] f'dan ir-rigward u tal-linji gwida ta' politika ġenerali maħruġa mill-gvern.

[...]"

13 Skont l-Artikolu 2(12)(h) u (l) ta' din il-liġi:

"Sabiex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 1, kull awtorità għandha teżerċita l-funzjonijiet li ġejjin:

[...]

(h) toħroġ id-direttivi dwar il-produzzjoni u l-provvista ta' servizzi mill-fornituri ta' dawn is-servizzi, billi tistabbilixxi, b'mod partikolari, il-livelli ġenerali ta' kwalità tas-servizzi kollha u l-livelli speċifiċi ta' kwalità ta' kull servizz li għandhom jiġu ggarantiti lill-utent, wara li jkunu ġew ikkonsultati l-fornituri tas-servizz u r-rappreżentanti tal-utenti u tal-konsumaturi li, possibbilment, jiġu ddifferenzjati skont is-settur u t-tip ta' servizz; dawn id-deċiżjonijiet għandhom l-effetti msemmija fil-paragrafu 37;

[...]

(l) ixxandar u xxerred informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet għall-prestazzjoni tas-servizzi sabiex tkun żgurata l-aqwa trasparenza, il-kompetittività u l-possibbiltà li l-utenti intermedji jew finali jagħmlu għażliet iktar informati".

14 It-tieni punt tal-Artikolu 1(6)(b) tal-legge n. 249 – Istituzione dell'Autorità per le garanzie nelle comunicazioni e norme sui sistemi delle telecomunicazioni e radiotelevisivo (il-Liġi Nru 249 li tistabbilixxi l-Awtorità Regolatorja tal-Komunikazzjonijiet u r-regoli dwar is-sistemi ta' telekomunikazzjoni u xandir) tal-31 ta' Lulju 1997 (GURI Nru 177 tal-31 ta' Lulju 1997, p. 3, iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 249/1997"), jipprovdi:

"Il-kompetenzi tal-[AGCOM] huma ddefiniti kif ġej:

[...]

(b) il-Kummissjoni għas-Servizzi u l-Prodotti;

[...]

(2) toħroġ direttivi dwar l-livelli ġenerali ta' kwalità tas-servizzi li l-għan tagħhom huwa li kull operatur jadotta karta tas-servizz li tindika standards minimi għal kull fergħa ta' attività".

15 L-Artikoli 13, 70 u 71 tad-decreto legislativo n. 259 – Codice delle comunicazioni elettroniche (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 259 dwar il-Kodiċi ta' Komunikazzjonijiet Elettroniċi) tal-1 ta' Awwissu 2003 (GURI Nru 214 tal-15 ta' Settembru 2003, p. 3, iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 259/2003"), ittrasponew, fl-ordinament ġuridiku Taljan, l-Artikolu 8 tad-Direttiva Qafas, kif ukoll l-Artikoli 20 u 21 tad-Direttiva Servizz Universali.

16 L-Artikolu 13 ta' dan id-digriet leġiżlattiv jipprevedi:

"1. Sabiex jitwettqu l-kompiti ta' regolamentazzjoni speċifikati f'[dan] il-Kodiċi u konformement mal-proċeduri tiegħu, il-Ministeru u [l-AGCOM], fil-qafas tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, għandhom jieħdu l-miżuri raġonevoli kollha bil-għan li jintlaħqu l-għanijiet ġenerali ddefiniti fl-Artikolu 4 u fil-paragrafi 4, 5 u 6 ta' dan l-artikolu.

[...]

4. Il-Ministeru u [l-AGCOM] għandhom jippromwovu l-kompetizzjoni fil-provvista tan-networks u tas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika, kif ukoll tar-riżorsi u servizzi relatati:

(a) billi jiżguraw li l-utenti, inkluż il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni mdaħħla fl-età u l-persuni bi bżonnijiet soċjali speċifiċi, igawdu mill-aqwa għażla, prezz, u kwalità;

(b) billi jiżguraw li l-kompetizzjoni fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika, inkluż fit-trażmissjoni tal-kontenut, la tkun distorta u lanqas imfixkla;

[...]

(d) billi jinkoraġġixxu l-użu u l-amministrazzjoni effettiva tal-frekwenzi tar-radju u tar-riżorsi tan-numerazzjoni.

[...]

6. Fil-qafas tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, il-Ministeru u [l-AGCOM] għandhom iħarsu l-interessi taċ-ċittadini:

(a) billi jiżguraw lil kulħadd l-aċċess għal servizz universali, iddefinit fit-Titolu II, Kapitolu IV;

(b) billi jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi fir-relazzjonijiet tagħhom mal-fornituri, b'mod partikolari billi jiggarantixxu proċeduri sempliċi u mhux għaljin tas-soluzzjoni tat-tilwim implimentati minn organu indipendenti mill-partijiet ikkonċernati;

[...]

(d) billi jippromwovu l-għoti ta' informazzjoni ċara, billi, fost oħrajn, jeħtieġu t-trasparenza tat-tariffi u tal-kundizzjonijiet għall-użu tas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika aċċessibbli għall-pubbliku;

(e) billi jindirizzaw il-bżonnijiet tal-persuni b'diżabbiltà, persuni mdaħħla fiż-żmien u persuni bi bżonnijiet soċjali speċifiċi;

[...]

(g) billi jippromwovu l-ħila tal-utenti finali li jkollhom aċċess għall-informazzjoni u li jxerrduha, kif ukoll li jużaw applikazzjonijiet u servizzi tal-għażla tagħhom.

[...]"

17 L-Artikolu 70 tal-imsemmi digriet leġiżlattiv jipprovdi:

"1. [...] [i]l-konsumaturi, kif ukoll l-utenti finali l-oħra li jitolbu dan, huma intitolati għal kuntratt konkluż ma' impriża waħda jew iktar li jipprovdu servizzi ta' konnessjoni ma' network ta' komunikazzjoni pubbliku jew servizzi ta' komunikazzjoni elettronika aċċessibbli għall-pubbliku. Il-kuntratt għandu tal-inqas jispeċifika, b'mod ċar, iddettaljat u faċilment aċċessibbli, l-elementi li ġejjin:

(a) l-identità u l-indirizz tal-impriża;

(b) is-servizzi pprovduti, inkluż, fost oħrajn:

[…]
(3) il-livelli minimi ta' kwalità tas-servizzi pprovduti, jiġifieri t-terminu neċessarju għall-konnessjoni inizjali kif ukoll, fejn meħtieġ, l-indikaturi l-oħra relatati mal-kwalità tas-servizz, kif iddefiniti mill-[AGCOM];

[…]

2. L-[AGCOM] għandha tissorvelja l-applikazzjoni tal-miżuri li jittieħdu għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 u tista' testendi l-obbligi previsti fl-istess paragrafu sabiex japplikaw ukoll fir-rigward ta' utenti finali oħra.

[…]

4. Kemm-il darba l-parti kontraenti ma taċċettax l-emendi tal-kundizzjonijiet kuntrattwali mill-impriżi li jipprovdu networks jew servizzi ta' komunikazzjoni elettronika, hija għandha d-dritt li xxolji l-kuntratt mingħajr penali u mingħajr spejjeż ta' diżattivazzjoni. L-emendi għandhom jintbagħtu lill-parti kontraenti fi żmien xieraq, jiġifieri minn tal-inqas tletin jum minn qabel, u għandhom ikollhom l-informazzjoni kollha dwar l-eżerċizzju tad-dritt ta' xoljiment. [L-AGCOM] tista' tippreċiża l-forma ta' dawn il-komunikazzjonijiet.

[…]"

18 Skont l-Artikolu 71 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 259/2003:

"1. [L-AGCOM] għandha tobbliga lill-impriżi li jipprovdu networks pubbliċi ta' komunikazzjoni elettronika jew servizzi ta' komunikazzjoni elettronika aċċessibbli għall-pubbliku jippubblikaw informazzjoni trasparenti, komparabbli, adegwata u aġġornata dwar il-prezzijiet u t-tariffi applikabbli, l-ispejjeż dovuti minħabba x-xoljiment tal-kuntratt, kif ukoll, konformement mal-Anness 5, il-kundizzjonijiet ġenerali tal-aċċess għas-servizzi pprovduti mill-imsemmija impriżi lill-utenti finali u lill-konsumaturi u l-użu ta' dawn is-servizzi. Din l-informazzjoni għandha tiġi ppubblikata b'mod ċar, iddettaljat u li tkun faċilment aċċessibbli. [L-AGCOM] tista' tiddeċiedi dwar rekwiżiti addizzjonali fir-rigward tal-forma li biha din l-informazzjoni għandha tiġi ppubblikata.

[…]

2. [L-AGCOM] tinkoraġġixxi li l-utenti finali u l-konsumaturi jingħataw informazzjoni komparabbli sabiex ikunu jistgħu jagħmlu evalwazzjoni indipendenti tal-ispiża ta' modalitajiet alternattivi ta' użu, inkluż permezz ta' gwidi interattivi. Fejn dawn ir-riżorsi ma humiex disponibbli fis-suq mingħajr ħlas jew bi prezz raġonevoli, [l-AGCOM] għandha tiżgura, hija nnifisha jew permezz ta' terzi, id-disponibbiltà tagħhom. It-terzi għandhom id-dritt jużaw mingħajr ħlas l-informazzjoni ppubblikata mill-impriżi li jipprovdu networks jew servizzi ta' komunikazzjoni elettronika aċċessibbli għall-pubbliku, sabiex ibigħu jew jagħmlu disponibbli tali gwidi interattivi jew tekniċi simili.

[…]"

## Il-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

19 Fis-sena 2016, l-AGCOM nediet proċedura ta' konsultazzjoni pubblika fis-settur tas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika fl-Italja, fid-dawl tal-ħtieġa li jittieħed qies tal-evoluzzjoni tas-suq tat-telefonija fissa u mobbli sabiex tkun żgurata lill-utenti informazzjoni trasparenti, komparabbli, adegwata u aġġornata dwar il-prezzijiet ta' aċċess għal dawn is-servizzi u tal-użu tagħhom.

20 Matul din il-konsultazzjoni, l-AGCOM ġabet fid-dieher, b'mod partikolari, problemi li jikkonċernaw, minn naħa, il-possibbiltà li l-utenti jkollhom għarfien, mingħajr ħlas, tal-kreditu li jkun jifdlilhom fil-kuntest tat-telefonija mobbli u, min-naħa l-oħra, il-frekwenza ta' fatturazzjoni fil-kuntest tat-telefonija fissa.

21 Minn naħa, l-AGCOM ikkonstatat, fir-rigward tat-telefonija fissa, li ċertu operaturi kienu mmodifikaw il-kundizzjonijiet tal-offerti kummerċjali tagħhom billi naqqsu l-perijodu ta' tiġdid ta' dawn tal-aħħar għal erba' ġimgħat, minflok xahar, li wasslet għal żieda fil-prezzijiet u għamlet il-paragun mill-utenti tal-offerti tal-operaturi iktar diffiċli, peress li kienu f'kompetizzjoni ma' offerti bi frekwenzi differenti ta' tiġdid, fatt li jmur kontra r-rekwiżiti ta' trasparenza u ta' komparabbiltà tal-kundizzjonijiet finanzjarji tal-offerti u, għalhekk, id-dritt tal-utent għall-għażla ħielsa tal-kuntratt li għandu jiġi konkluż. Sabiex tindirizza dawn il-problemi, l-AGCOM ikkunsidrat tiffissa l-frekwenza ta' fatturazzjoni, li magħha tintrabat il-frekwenza ta' tiġdid, fuq bażi ta' kull xahar fil-qasam ta' telefonija fissa u offerti oħra relatati magħha.

22 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tat-telefonija mobbli, l-AGCOM ikkonstatat li parti kbira mill-operaturi kienu diġà adottaw jew għamlu ħsieb jadottaw frekwenza ta' tiġdid tal-offerti tagħhom ta' erba' ġimgħat u li, konsegwentement, il-komparabbiltà ta' dawn l-offerti setgħet tiġi żgurata billi tiġi stabbilita l-frekwenza ta' tiġdid ta' dawn tal-aħħar jew fuq bażi ta' kull xahar, jew fuq bażi ta' erba' ġimgħat jew, ukoll, billi l-emenda tal-frekwenzi ta' fatturazzjoni tkun awtorizzata biss bil-kundizzjoni li l-ispiża għall-utent tibqa' l-istess.

23 Fi tmiem il-proċedura ta' konsultazzjoni pubblika mnedija mill-AGCOM, din tal-aħħar adottat id-Deċiżjoni Nru 121/17/CONS (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni inkwistjoni"), li tipprevedi, fost oħrajn, li l-frekwenza ta' tiġdid tal-offerti ta' telefonija fissa u dik ta' fatturazzjoni ta' dawn is-servizzi jkunu stabbiliti fuq bażi ta' kull xahar jew ta' diversi xhur, u li l-frekwenza fil-qasam ta' telefonija mobbli ma tistax tkun inqas minn erba' ġimgħat. Skont din id-deċiżjoni, f'każ ta' offerti relatati mat-telefonija fissa, għandha tapplika l-frekwenza ta' din tal-aħħar. L-imsemmija deċiżjoni tipprevedi wkoll li l-operaturi ta' telefonija mobbli li jadottaw frekwenzi ta' tiġdid tal-offerti u ta' fatturazzjoni mhux fuq bażi ta' kull xahar għandhom jinformaw minnufih lill-utent, permezz ta' SMS, li l-offerta ġiet imġedda.

24 Permezz ta' erba' azzjonijiet separati, Fastweb SpA, Tim SpA, Vodafone Italia u Wind Tre, ikkontestaw id-deċiżjoni inkwistjoni quddiem it-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Lazio, l-Italja).

25 Billi din il-qorti ċaħdet l-azzjonijiet tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, dawn tal-aħħar ippreżentaw appell quddiem il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja), li huwa l-qorti tar-rinviju, u jsostnu, essenzjalment, li, l-ewwel, id-deċiżjoni inkwistjoni ma għandhiex bażi legali, peress li la l-ordinament ġuridiku Taljan u la dak tal-Unjoni ma jagħtu lill-AGCOM is-setgħa li tirregola l-frekwenza ta' tiġdid tal-offerti ta' servizzi ta' telefonija u dik ta' fatturazzjoni ta' dawn is-servizzi. It-tieni, huma jsostnu li din id-deċiżjoni tmur kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità, peress li

l-għanijiet tal-imsemmija deċiżjoni setgħu jintlaħqu permezz ta' miżuri li huma inqas ta' ħsara għal-libertà tal-operaturi ta' servizzi ta' telefonija. It-tielet, fil-fehma tar-rikorrenti, il-miżuri inklużi fid-deċiżjoni inkwistjoni jmorru kontra l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, billi l-ebda raġuni ma tiġġustifika t-trattament legali differenti tal-operaturi ta' telefonija mobbli u tal-operaturi ta' telefonija fissa.

26 Il-qorti tar-rinviju osservat, fl-ewwel lok, li l-Artikoli 13, 70 u 71 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 259/2003, moqrija flimkien mal-Artikolu 2(12)(h) u (l) tal-Liġi Nru 481/1995, kif ukoll mal-punt 2 tal-Artikolu 1(6)(b) tal-Liġi Nru 249/1997, huma ta' natura li jsejsu s-setgħa tal-AGCOM li tiddetermina l-frekwenza ta' fatturazzjoni tas-servizzi ta' telefonija fissa u mobbli, kif ukoll dik ta' tiġdid tal-offerti kummerċjali ta' tali servizzi, bil-għan li tkun żgurata l-protezzjoni tal-konsumaturi, anki jekk dawn id-dispożizzjonijiet ma jipprevedux b'mod espliċitu tali setgħa.

27 Din is-setgħa hija konformi mal-qafas regolatorju komuni, li jiddefinixxi l-għanijiet li għandhom jiġu mfittxija fil-qasam tas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika, tan-networks ta' komunikazzjoni elettronika, kif ukoll tar-riżorsi u tas-servizzi relatati u tħalliha fid-diskrezzjoni tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali (iktar 'il quddiem l-"ARN") li jiddeterminaw il-miżuri regolatorji li huma jqisu, fil-konkret, l-iktar xierqa sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

28 Fil-fatt, l-imsemmija setgħa hija konformi mal-għanijiet imfittxija mid-Direttiva Qafas, li tfittex li tiżgura l-promozzjoni tal-kompetizzjoni fil-qasam tal-provvista ta' networks ta' komunikazzjoni elettronika, billi tiżgura, fost oħrajn, kif stipulat fl-Artikolu 8(2)(a) ta' din id-direttiva, li l-persuni l-iktar vulnerabbli jgawdu mill-aqwa għażla, prezz u kwalità. Barra minn hekk, tali setgħa tippermetti li jitħarsu l-interessi taċ-ċittadini tal-Unjoni, billi tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi u tinkoraġġixxi l-għoti ta' informazzjoni ċara, fost oħrajn, permezz tar-rekwiżit ta' trasparenza tat-tariffi u tal-kundizzjonijiet għall-użu tas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika, konformement mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(4)(b) u (d) tal-imsemmija direttiva. Jirriżulta wkoll mill-kliem ta' dawn id-dispożizzjonijiet li dawn ma jistabbilixxux lista eżawrjenti tal-mezzi li jippermettu li jintlaħaq l-għan tal-protezzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni. Is-setgħat tal-ARN ma jistgħux, għalhekk, ikunu limitati għall-implimentazzjoni tal-miżuri li jissemmew b'mod espliċitu fl-imsemmija dispożizzjonijiet.

29 Is-setgħa tal-AGCOM, li tiddetermina l-frekwenza ta' fatturazzjoni tas-servizzi ta' telefonija fissa u mobbli u dik ta' tiġdid tal-offerti kummerċjali ta' tali servizzi, hija konsistenti wkoll mar-rekwiżiti imposti fuq l-Istati Membri u li jfittxu, minn naħa, li jiżguraw li l-indikaturi tal-kwalità tas-servizz jissemmew fil-kuntratt bejn il-konsumatur u l-impriża li tipprovdi konnessjoni elettronika jew servizzi ta' din in-natura u, min-naħa l-oħra, li jobbligaw lill-operaturi ta' networks ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' servizzi elettroniċi jippubblikaw, b'mod ċar, iddettaljat u faċilment aċċessibbli, informazzjoni trasparenti, komparabbli, adegwata u aġġornata li tikkonċerna, fost oħrajn, il-prezzijiet u t-tariffi applikabbli, previsti fl-Artikolu 20(1)(b) u fl-Artikolu 21 tad-Direttiva Servizz Universali, rispettivament.

30 Din is-setgħa lanqas ma tidher li tmur kontra l-Artikoli 49 u 56 TFUE, peress li l-miżuri li tista' tadotta l-AGCOM fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-imsemmija setgħa ma jimponux l-obbligu fuq l-operaturi ta' servizzi ta' telefonija fissa u mobbli li jiksbu awtorizzazzjoni qabel ma jeżerċitaw l-attività tagħhom u jżommu wkoll il-libertà ta' dawn l-operaturi li jeżerċitaw l-attività tagħhom billi tiddefinixxi l-elementi finanzjarji tal-eżekuzzjoni kuntrattwali.

31 Il-qorti tar-rinviju tirrileva, fit-tieni lok, li d-deċiżjoni inkwistjoni hija konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità. Fil-fatt, il-miżuri previsti minn din id-deċiżjoni jippermettu lill-utenti jikkomparaw l-offerti kummerċjali differenti, peress li dawn il-miżuri jneħħu r-riskju li tali offerti jidhru li joffru prezzijiet inqas għoljin u li jirriżultaw minn kalkolu li jsir fuq bażi ta' perijodu inqas minn dak stabbilit fil-prattika. L-imsemmija deċiżjoni tippermetti wkoll lill-utenti tas-servizzi ta' telefonija fissa u mobbli jikkontrollaw l-ispejjeż iġġenerati mis-servizz ipprovdut.

32 Fil-fehma tal-qorti tar-rinviju, fid-dawl tan-numru kunsiderevoli ta' utenti fl-Italja li ma għandhomx smartphone jew li ma jużawx l-internet, miżuri alternattivi, bħad-disponibbiltà għall-utenti ta' servizzi ta' telefonija ta' gwidi interattivi jew ta' magna ta' kalkolu li tikkompara l-offerti kummerċjali abbażi tal-istess indikatur temporali, ma humiex effettivi. Barra minn hekk, miżura li timponi obbligu li tiġi ppubblikata stima tal-prezzijiet ukoll fuq bażi ta' kull xahar tista' timmina l-protezzjoni tal-konsumaturi, peress li teżisti l-possibbiltà li tali obbligu joħloq konfużjoni dwar dik li sewwa sew hija s-sustanza tal-klawżoli kuntrattwali dwar il-frekwenza.

33 Il-miżuri previsti mid-deċiżjoni inkwistjoni ma jmorrux kontra d-drittijiet u l-interessi tal-operaturi ta' servizzi ta' telefonija fissa u mobbli b'mod eċċessiv, peress li ma jaffettwawx il-libertà tagħhom li jagħżlu l-prezz tas-servizzi tagħhom u li jagħmlu offerti kummerċjali bi frekwenza ta' iktar minn erba' ġimgħat.

34 Fit-tielet lok, il-qorti tar-rinviju tqis li d-deċiżjoni inkwistjoni tosserva l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, peress li l-frekwenzi differenti ta' fatturazzjoni għas-servizzi ta' telefonija fissa u għal dawk ta' telefonija mobbli jirriżultaw mill-fatt li dawn iż-żewġ setturi ta' attività ma humiex oġġettivament komparabbli, minħabba differenzi fil-prassi kummerċjali tal-fornituri ta' dawn is-servizzi u fil-modalitajiet ta' pagamenti tal-prezzijiet ta' dawn tal-aħħar, li eżistew fil-mument li ttieħdet id-deċiżjoni inkwistjoni. Fil-fehma tal-qorti tar-rinviju, b'differenza mis-servizzi ta' telefonija mobbli, li, fil-biċċa l-kbira tagħhom, kienu kkaratterizzati minn frekwenza ta' tiġdid tal-offerta kummerċjali u ta' fatturazzjoni ta' erba' ġimgħat, kif ukoll mix-xiri ta' servizzi mħallsa minn qabel, is-servizzi ta' telefonija fissa kienu prevalentement kkaratterizzati minn frekwenza ta' kull xahar u kienu, fil-biċċa l-kbira tagħhom, jitħallsu wara li jiġu pprovduti, billi jinġibdu l-flus mill-kont kurrenti tal-utent.

35 Għaldaqstant, frekwenza ta' erba' ġimgħat għat-tiġdid tal-offerta kummerċjali u għall-fatturazzjoni tippermetti lill-utenti tas-servizzi ta' telefonija mobbli li jikkomparaw l-offerti ta' dawn tal-aħħar. Barra minn hekk, li l-utenti tal-imsemmija servizzi tinbagħtilhom informazzjoni dwar il-kreditu li jkun jifdlilhom, kif ukoll dwar il-frekwenza ta' tiġdid tal-offerta kummerċjali u ta' fatturazzjoni, huwa biżżejjed sabiex l-imsemmija utenti jkunu jistgħu jikkontrollaw l-ispejjeż iġġenerati mis-servizz ipprovdut. Mill-banda l-oħra, billi l-fatt li jsir ħlas wara li jiġu pprovduti s-servizzi ta' telefonija fissa jirrendi l-kontroll tal-ispejjeż iġġenerati minn dawn is-servizzi iktar diffiċli, dan jista' jkun żgurat billi tiġi imposta frekwenza kuntrattwali b'ġurnata fissa, fuq bażi ta' kull xahar jew ta' diversi xhur.

36 Huwa f'dan il-kuntest li l-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"(1) L-Artikolu 267 TFUE, interpretat b'mod korrett, jobbliga lill-qorti nazzjonali li d-deċiżjonijiet tagħha ma humiex suġġetti għal rimedju ġudizzjarju taħt id-dritt nazzjonali li tressaq rinviju għal deċiżjoni preliminari dwar kwistjoni ta' interpretazzjoni tad-dritt [tal-Unjoni] rilevanti fil-kuntest tal-kawża prinċipali, anki jekk jista' jiġi eskluż kwalunkwe dubju ta' interpretazzjoni dwar it-tifsira tad-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni kkonċernata – b'teħid

inkunsiderazzjoni tat-terminoloġija u tat-tifsira tal-kliem ta' din id-dispożizzjoni li huma speċifiċi għad-dritt [tal-Unjoni], tal-kuntest tad-dritt tal-Unjoni li fih hija taqa' u tal-għanijiet ta' protezzjoni li fuqhom hija bbażata, fid-dawl tal-istat ta' żvilupp tad-dritt [tal-Unjoni] fiż-żmien meta d-dispożizzjoni rilevanti għandha tiġi applikata fil-kuntest tal-proċedura nazzjonali – iżda ma jkunx possibbli li jiġi pprovat fid-dettall, minn perspettiva suġġettiva fir-rigward tal-attitudni ta' qrati oħra, li l-interpretazzjoni mogħtija mill-qorti adita tkun l-istess bħal dik li x'aktarx tingħata mill-qrati ta' Stati Membri oħra u mill-Qorti tal-Ġustizzja jekk dawn ikunu ġew aditi bl-istess domanda?

(2) L-Artikoli 49 u 56 TFUE u l-kuntest ġuridiku armonizzat li jirriżulta mid-[Direttivi tal-Aċċess u ta' Awtorizzazzjoni], mid-[Direttiva Qafas] u mid-[Direttiva Servizz Universali], b'mod partikolari mill-Artikolu 8(2) u (4) tad-[Direttiva Qafas], mill-Artikolu 3 tad-[Direttiva ta' Awtorizzazzjoni], u mill-Artikoli 20, 21 u 22 tad-[Direttiva Servizz Universali], interpretati b'mod korrett, jipprekludu regola nazzjonali bħal dik li tirriżulta mid-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikoli 13, 70 u 71 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 259/2003, tal-Artikolu 2(12)(h) u (l) tal-Liġi Nru 481/1995 u tal-punt 2 tal-Artikolu 1(6)[(b)] tal-Liġi Nru 249/1997, li tagħti lill-awtorità regolatorja nazzjonali fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi s-setgħa li timponi: i) għat-telefonija mobbli, frekwenza ta' tiġdid tal-offerti u ta' fatturazzjoni mhux inqas minn erba' ġimgħat, filwaqt li tobbliga lill-operaturi ekonomiċi kkonċernati li jadottaw frekwenza ta' tiġdid tal-offerti u ta' fatturazzjoni fuq bażi mhux ta' kull xahar li jinformaw minnufih lill-utent, billi jibagħtu SMS, bit-tiġdid tal-offerta operata; ii) għat-telefonija fissa, frekwenza ta' tiġdid tal-offerti u ta' fatturazzjoni fuq bażi ta' kull xahar jew li tkopri diversi xhur; iii) fil-każ ta' offerti konverġenti b'telefonija fissa, l-applikazzjoni tal-frekwenza ta' din tal-aħħar?

(3) Il-prinċipju ta' proporzjonalità, moqri flimkien mal-Artikoli 49 u 56 TFUE u mal-kuntest ġuridiku armonizzat li jirriżulta mid-[Direttivi tal-Aċċess u ta' Awtorizzazzjoni], [mid-Direttiva Qafas] u [mid-Direttiva Servizz Universali], b'mod partikolari mill-Artikolu 8(2) u (4) tad-[Direttiva Qafas], mill-Artikolu 3 tad-[Direttiva ta' Awtorizzazzjoni], u mill-Artikoli 20, 21 u 22 tad-[Direttiva Servizz Universali], interpretati u applikati b'mod korrett, jipprekludi l-adozzjoni mill-awtorità regolatorja nazzjonali fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi ta' miżuri regolatorji intiżi li jimponu: i) għat-telefonija mobbli, frekwenza ta' tiġdid tal-offerti u ta' fatturazzjoni mhux inqas minn erba' ġimgħat, filwaqt li tobbliga lill-operaturi ekonomiċi kkonċernati li jadottaw frekwenza ta' tiġdid tal-offerti u ta' fatturazzjoni fuq bażi mhux ta' kull xahar li jinformaw minnufih lill-utent, billi jibagħtu SMS, bit-tiġdid tal-offerta operata; ii) għat-telefonija fissa, frekwenza ta' tiġdid tal-offerti u ta' fatturazzjoni fuq bażi ta' kull xahar jew li tkopri diversi xhur; iii) fil-każ ta' offerti konverġenti b'telefonija fissa, l-applikazzjoni tal-frekwenza ta' din tal-aħħar?

(4) Il-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u ta' ugwaljanza fit-trattament, moqrija flimkien mal-Artikoli 49 u 56 TFUE u mal-kuntest ġuridiku armonizzat li jirriżulta mid-[Direttivi tal-Aċċess u ta' Awtorizzazzjoni], [mid-Direttiva Qafas] u [mid-Direttiva Servizz Universali], b'mod partikolari mill-Artikolu 8(2) u (4) tad-[Direttiva Qafas], mill-Artikolu 3 tad-[Direttiva ta' Awtorizzazzjoni], u mill-Artikoli 20, 21 u 22 tad-[Direttiva Servizz Universali], interpretati u applikati b'mod korrett, jipprekludu l-adozzjoni mill-awtorità regolatorja nazzjonali fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi ta' miżuri regolatorji intiżi li jimponu: i) għat-telefonija mobbli, frekwenza ta' tiġdid tal-offerti u ta' fatturazzjoni mhux inqas minn erba' ġimgħat, filwaqt li tobbliga lill-operaturi ekonomiċi kkonċernati li jadottaw frekwenza ta' tiġdid tal-offerti u ta' fatturazzjoni fuq bażi mhux ta' kull xahar li jinformaw minnufih lill-utent, billi jibagħtu SMS, bit-tiġdid tal-offerta operata; ii) għat-telefonija fissa, frekwenza

ta' tiġdid tal-offerti u ta' fatturazzjoni fuq bażi ta' kull xahar jew li tkopri diversi xhur; iii) fil-każ ta' offerti konverġenti b'telefonija fissa, l-applikazzjoni tal-frekwenza ta' din tal-aħħar?"

37 Permezz ta' komunikazzjoni tal-25 ta' Ottubru 2021, il-Qorti tal-Ġustizzja bagħtet lill-qorti tar-rinviju kopja tas-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, Consorzio Italian Management u Catania Multiservizi (C-561/19, EU:C:2021:799) u stiednet lil din il-qorti tindika jekk, fid-dawl ta' din is-sentenza, hija kinitx biħsiebha żżomm ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari. Permezz ta' digriet tat-23 ta' Novembru 2021, l-imsemmija qorti ddeċidiet, minn naħa, li tirtira l-ewwel domanda preliminari u, min-naħa l-oħra, li żżomm id-domandi l-oħra.

**Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari**

38 Il-Gvern Taljan isostni li d-domandi preliminari huma inammissibbli.

39 Fil-fatt, dawn id-domandi ma huma xejn ħlief ipotetiċi u astratti u jikkostitwixxu talba għal opinjoni, ifformulata mingħajr l-ebda qies taċ-ċirkustanzi partikolari tat-tilwima fil-kawża prinċipali.

40 Barra minn hekk, l-għan tat-talba għal deċiżjoni preliminari ma huwiex li jiġi ċċarat dubju tal-qorti tar-rinviju fir-rigward tal-interpretazzjoni korretta tar-regoli tal-Unjoni li japplikaw għal din it-tilwima, iżda li ssaħħaħ il-fehma ta' din il-qorti fir-rigward tal-mod kif dawn ir-regoli għandhom jiġu interpretati.

41 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali, stabbilita mill-Artikolu 267 TFUE, hija biss il-qorti nazzjonali, li quddiemha titressaq it-tilwima u li jkollha tieħu r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja sussegwenti, li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti d-deċiżjoni tagħha, kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, kemm-il darba d-domandi magħmula jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, fil-prinċipju, marbuta tieħu deċiżjoni dwarhom (sentenza tas-7 ta' Frar 2023, Confédération paysanne *et* (Mutaġenesi każwali *in vitro*), C-688/21, EU:C:2023:75, punt 32, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

42 Ir-rifjut tal-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti deċiżjoni dwar domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali huwa possibbli biss meta jkun jidher b'mod ċar li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma jkollha ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha l-punti ta' fatt u ta' dritt meħtieġa sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha (sentenza tas-7 ta' Frar 2023, Confédération paysanne *et* (Mutaġenesi każwali *in vitro*), C-688/21, EU:C:2023:75, punt 33, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

43 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta, essenzjalment, li t-tieni, it-tielet u r-raba' domanda huma msejsa, b'mod partikolari, fuq l-argument tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali li d-deċiżjoni inkwistjoni, li ttieħdet konformement mal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli u li l-legalità tagħha hija kkontestata fil-kuntest tal-kawża prinċipali, ma tosservax id-dritt tal-Unjoni, peress li l-ebda regola tal-Unjoni ma tippermetti li l-AGCOM tingħata s-setgħa li tistabbilixxi l-frekwenza

ta' tiġdid kuntrattwali tas-servizzi ta' telefonija mobbli u fissa, kif ukoll il-frekwenza ta' fatturazzjoni ta' dawn is-servizzi, u peress li din id-deċiżjoni tikser il-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ugwaljanza fit-trattament.

44 Għalhekk, ma jistax jitqies li dawn id-domandi ma għandhom l-ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali jew li dawn huma ipotetiċi.

45 Fir-rigward tal-fatt li l-qorti tar-rinviju pprecizat, fid-deċiżjoni tagħha tad-9 ta' Lulju 2020, li hija ma tiddubitax mill-interpretazzjoni korretta tar-regoli tal-Unjoni li hija tqis rilevanti għas-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali, huwa biżżejjed li jitfakkar li, anki jekk jitqies li l-interpretazzjoni korretta ta' dawn ir-regoli hija tant ovvja li ma tħalli lok għal ebda dubju raġonevoli, tali ċirkustanza ma hijiex ta' natura li turi l-inammissibbiltà tad-domanda għal deċiżjoni preliminari, iżda tkun tista', l-iktar l-iktar, teżenta lill-qorti tar-rinviju mill-obbligu tar-rinviju tagħha skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Frar 2023, Confédération paysanne *et* (Mutaġenesi każwali *in vitro*), C-688/21, EU:C:2023:75, punt 35).

46 Fid-dawl tal-premess, it-talba għal deċiżjoni preliminari għandha tiġi ddikjarata ammissibbli.

**Fuq id-domandi preliminari**

47 Qabelxejn, għandu jiġi rrilevat li, konformement mal-Artikolu 1 tagħhom, id-Direttiva tal-Aċċess u d-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni jarmonizzaw, minn naħa, il-mod kif l-Istati Membri jirregolaw l-aċċess għan-networks ta' komunikazzjoni elettronika u għar-riżorsi relatati, kif ukoll l-interkonnessjoni tagħhom, u, min-naħa l-oħra, ir-regoli u l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tan-networks u tas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika. Dawn ma humiex, għalhekk, rilevanti għas-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali, billi s-setgħat tal-AGCOM inkwistjoni f'din it-tilwima ma jaqgħux, b'mod ovvju, taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tagħhom.

48 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li, permezz tat-tieni, it-tielet u r-raba' domanda, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tfittex li ssir taf, essenzjalment, jekk l-Artikoli 49 u 56 TFUE, kif ukoll id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva Qafas u tad-Direttiva Servizz Universali, b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) u (4) tad-Direttiva Qafas u l-Artikoli 20 sa 22 tad-Direttiva Servizz Universali, moqrija fid-dawl tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ugwaljanza fit-trattament, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jżommu leġiżlazzjoni nazzjonali milli tagħti lill-ARN is-setgħa li tieħu deċiżjoni li tobbliga, minn naħa, lill-operaturi ta' servizzi ta' telefonija mobbli jadottaw frekwenza ta' tiġdid tal-offerti kummerċjali u frekwenza ta' fatturazzjoni li ma jkunux inqas minn erba' ġimgħat u, min-naħa l-oħra, lill-operaturi ta' servizzi ta' telefonija fissa u ta' servizzi relatati jadottaw frekwenza ta' tiġdid ta' tali offerti u frekwenza ta' fatturazzjoni fuq bażi ta' kull xahar jew ta' diversi xhur.

49 Qabelxejn, għandu jitfakkar li minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li kull miżura nazzjonali relatata ma' qasam li huwa s-suġġett ta' armonizzazzjoni eżawrjenti fil-livell tal-Unjoni għandha tiġi evalwata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' din il-miżura ta' armonizzazzjoni u mhux ta' dawk tad-dritt primarju (sentenza tas-17 ta' Settembru 2020, Hidroelectrica, C-648/18, EU:C:2020:723, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

50 Mill-banda l-oħra, fejn l-armonizzazzjoni li tkun saret ma hijiex ta' natura eżawrjenti, il-miżuri nazzjonali li jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tal-miżuri ta' armonizzazzjoni għandhom jiġu evalwati mhux biss fid-dawl ta' dawn tal-aħħar, iżda wkoll tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt primarju (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Novembru 2015, Visnapuu, C-198/14, EU:C:2015:751, punt 48; tat-8 ta' Marzu 2017, Euro Park Service, C-14/16, EU:C:2017:177, punt 26, kif ukoll tas-7 ta' Settembru 2017, Eqiom u Enka, C-6/16, EU:C:2017:641, punt 18).

51 F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita sew jirriżulta li la d-Direttiva Qafas u lanqas id-Direttiva Servizz Universali ma jipprevedu armonizzazzjoni sħiħa tal-aspetti li jikkonċernaw il-protezzjoni tal-konsumaturi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' April 2016, Polkomtel, C-397/14, EU:C:2016:256, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata). Minn dan isegwi li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha tiġi eżaminata kemm fid-dawl ta' dawn id-direttivi, kif ukoll fid-dawl tal-Artikoli 49 u 56 TFUE, fir-rigward tal-aspetti mhux koperti mid-direttivi (sentenza tal-11 ta' Diċembru 2019, TV Play Baltic, C-87/19, EU:C:2019:1063, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

### *Fuq id-Direttiva Qafas u d-Direttiva Servizz Universali*

52 Għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem ta' din id-dispożizzjoni, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet li tfittex li tilħaq il-leġiżlazzjoni li tagħmel parti minnha (sentenza tas-17 ta' Novembru 2022, TOYA, C-243/21, EU:C:2022:889, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

53 Fir-rigward tal-Artikolu 8 tad-Direttiva Qafas, għandu jitfakkar li, skont l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 tiegħu, l-Istati Membri għandhom ikunu żguri li l-ARN jieħdu l-miżuri raġonevoli kollha intiżi sabiex jintlaħqu l-għanijiet iddefiniti, b'mod partikolari, fil-paragrafi 2 u 4 ta' dan l-artikolu, filwaqt li dawn il-miżuri għandhom ikunu proporzjonati ma' dawn l-għanijiet.

54 B'mod partikolari, minn naħa, l-Artikolu 8(2)(a) ta' din id-direttiva jipprevedi li l-ARN għandhom jippromwovu l-kompetizzjoni fil-qasam tal-provvista tan-networks u tas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika, kif ukoll tar-riżorsi u tas-servizzi relatati billi jiżguraw li l-utenti finali jgawdu mill-aqwa għażla, prezz, u kwalità (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Polkomtel, C-277/16, EU:C:2017:989, punt 35).

55 Min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 8(4)(b) u (d) tal-imsemmija direttiva, l-ARN għandhom iħarsu l-interessi taċ-ċittadini tal-Unjoni billi, b'mod partikolari, jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi fir-relazzjonijiet tagħhom mal-fornituri u jinkoraġġixxu l-għoti ta' informazzjoni ċara li, fost oħrajn, teħtieġ it-trasparenza tat-tariffi u tal-kundizzjonijiet għall-użu tas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika aċċessibbli għall-pubbliku.

56 B'hekk, għalkemm ma jirriżultax minn dawn id-dispożizzjonijiet li l-ARN għandu jkollhom is-setgħa li jirregolaw il-frekwenza ta' tiġdid tal-offerti kummerċjali u dik ta' fatturazzjoni li għandhom jadottaw l-operaturi ta' servizzi ta' telefonija, mill-użu tal-kliem "fost ħwejjeġ oħra" jew "b'mod partikolari" fl-Artikolu 8(2) u (4) tad-Direttiva Qafas jirriżulta, madankollu, li l-miżuri li jistgħu jiġu adottati mill-ARN sabiex jitwettqu l-kompiti assenjati permezz ta' dawn id-dispożizzjonijiet u jiġu mfittxija l-għanijiet imsemmija f'dawn tal-aħħar ma jissemmewx b'mod eżawrjenti.

57 Fir-rigward tal-għanijiet tal-qafas regolatorju komuni, għandu jiġi rrilevat li, konformement mal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva Qafas, moqri fid-dawl tal-premessa 16 ta' din tal-aħħar, l-għan ta' din id-direttiva huwa li jinħoloq qafas armonizzat għar-regolamentazzjoni tas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika, tan-networks ta' komunikazzjoni elettronika, kif ukoll riżorsi u servizzi relatati. L-imsemmija direttiva tiddefinixxi l-kompiti tal-ARN u tistabbilixxi lista ta' proċeduri li jfittxu li jiggarantixxu l-applikazzjoni armonizzata tal-qafas regolatorju komuni madwar l-Unjoni. B'hekk, id-Direttiva Qafas tagħti lill-ARN kompiti speċifiċi ta' regolamentazzjoni tas-swieq ta' komunikazzjoni elettronika (sentenza tal-11 ta' Marzu 2010, Telekomunikacja Polska, C-522/08, EU:C:2010:135, punt 21).

58 Minn dan isegwi li din id-direttiva, li, kif imfakkar fil-punt 51 ta' din is-sentenza, ma twettaqx armonizzazzjoni sħiħa, ma hijiex intiża sabiex tistabbilixxi lista speċifika u eżawrjenti tas-setgħat li l-Istati Membri jistgħu jagħtu lill-ARN sabiex jiżguraw li jitwettqu dawn il-kompiti u jintlaħqu l-imsemmija għanijiet.

59 Huwa f'dan il-kuntest li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, meta jeżerċitaw il-funzjonijiet ta' regolamentazzjoni tagħhom, l-ARN għandu jkollhom setgħa wiesgħa sabiex ikunu jistgħu jevalwaw, każ b'każ, il-ħtieġa ta' regolamentazzjoni ta' suq (sentenzi tal-15 ta' Settembru 2016, Koninklijke KPN *et*, C-28/15, EU:C:2016:692, punt 36, kif ukoll tad-19 ta' Ottubru 2016, Ormaetxea Garai u Lorenzo Almendros, C-424/15, EU:C:2016:780, punt 48).

60 F'dawn iċ-ċirkustanzi, leġiżlazzjoni nazzjonali li, bħal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tagħti lill-ARN is-setgħa li, sabiex ikunu protetti l-utenti finali, jieħdu deċiżjoni li tiggarantixxi, fost oħrajn, trasparenza aħjar u komparabbiltà aħjar tal-offerti kummerċjali u tal-fatturazzjoni tas-servizzi ta' telefonija, tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva Qafas, b'mod partikolari dak tal-protezzjoni tal-interessi ta' dawn l-utenti, imsemmi fl-Artikolu 8(2)(a) ta' din id-direttiva, kif ukoll għanijiet li jfittxu li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi fir-relazzjonijiet tagħhom mal-fornituri u li jinkoraġġixxu l-għoti ta' informazzjoni ċara, b'mod partikolari, dwar it-tariffi tal-komunikazzjoni elettronika aċċessibbli għall-pubbliku, imsemmija fl-Artikolu 8(4)(b) u (d) ta' din id-direttiva.

61 Minn dan isegwi li s-setgħa li tiġi rregolata l-frekwenza ta' tiġdid tal-offerti kummerċjali u dik ta' fatturazzjoni tas-servizzi ta' telefonija tista', fil-prinċipju, tagħmel parti minn dawk is-setgħat li għandu jkollhom l-ARN sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti u jilħqu l-għanijiet tad-Direttiva Qafas.

62 Xorta jibqa' l-fatt li, sabiex ikun konformi ma' din id-direttiva, l-eżerċizzju ta' din is-setgħa għandu, fost oħrajn, ikun proporzjonat mal-għanijiet hekk imfittxija, konformement mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(1) tal-imsemmija direttiva, u josserva l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, kif essenzjalment jitlob l-Artikolu 8(5)(b) tal-istess direttiva.

63 F'dan ir-rigward, hija l-qorti tar-rinviju, li hija unikament kompetenti sabiex tevalwa l-fatti tal-kawża prinċipali u sabiex tinterpreta l-leġiżlazzjoni nazzjonali, li għandha tiddetermina jekk din id-deċiżjoni inkwistjoni tissodisfax dawn ir-rekwiżiti u sa fejn. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja, mitluba sabiex tagħti risposta utli lil dik il-qorti, hija kompetenti sabiex tagħtiha indikazzjonijiet ibbażati fuq il-proċess tal-kawża prinċipali, kif ukoll fuq l-osservazzjonijiet bil-miktub li saru quddiemha, ta' natura li jippermettu lill-imsemmija qorti tagħti deċiżjoni

(sentenzi tas-7 ta' Settembru 2022, Cilevičs *et*, C-391/20, EU:C:2022:638, punti 72 u 73, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata, u tat-2 ta' Frar 2023, Freikirche der Siebenten-Tags-Adventisten in Deutschland, C-372/21, EU:C:2023:59, punt 38).

64 Fir-rigward tal-prinċipju ta' proporzjonalità, ikkonkretizzat fid-Direttiva Qafas permezz tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(1) tagħha, għandu jitfakkar li l-osservanza ta' dan il-prinċipju timplika, fost oħrajn, li l-miżura inkwistjoni tkun xierqa sabiex tiggarantixxi, b'mod koerenti u sistematiku, li jintlaħqu l-għanijiet imfittxija u li din ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawn tal-aħħar, billi, fejn ikun hemm għażla bejn diversi miżuri xierqa, għandha tintgħażel dik li hija l-inqas ristrettiva u billi l-inkonvenjent li hija toħloq ma jkunx sproporzjonat fid-dawl tal-għanijiet imfittxija (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-20 ta' Marzu 2018, Menci, C-524/15, EU:C:2018:197, punt 46, u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tat-2 ta' Marzu 2023, PrivatBank *et*, C-78/21, EU:C:2023:137, punt 70).

65 F'dan ir-rigward, fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju, jidher, qabelxejn, li l-eżerċizzju mill-AGCOM tas-setgħa, mogħtija mid-dritt Taljan, li timponi frekwenza minima kemm għat-tiġdid tal-offerti kummerċjali, kif ukoll għall-fatturazzjoni tas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika, jista' jindirizza l-problemi kkonstatati minnha matul il-konsultazzjoni pubblika li ppreċediet id-deċiżjoni inkwistjoni. Fil-fatt, l-istabbiliment ta' frekwenza uniformi jippermetti lill-utenti finali jikkomparaw l-offerti kummerċjali differenti u jkunu informati bis-sħiħ bir-responsabbiltajiet finanzjarji li jirriżultaw mill-kuntratti offruti lilhom, jevitaw li tinħoloq l-impressjoni ta' prezzijiet inqas għolja li jirriżultaw minn kalkolu li jsir abbażi ta' data temporali inqas minn dik stabbilita fil-prattika, kif ukoll jikkontrollaw l-ispiża ġġenerata mis-servizz ipprovdut, b'mod partikolari fir-rigward tas-servizzi ta' telefonija mobbli fl-Italja, li, fil-biċċa l-kbira tagħhom, huma servizzi li jitħallsu minn qabel. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tidher, għalhekk, xierqa sabiex tiggarantixxi li jintlaħaq l-għan imfittex.

66 Imbagħad, il-qorti tar-rinviju tippreċiża hija stess li, essenzjalment, il-miżuri li huma s-suġġett tad-deċiżjoni inkwistjoni, adottati konformement mal-leġiżlazzjoni applikabbli, huma l-inqas ristrettivi sabiex tiġi ggarantita b'mod effettiv il-protezzjoni tal-konsumaturi fid-dawl tal-problemi identifikati mill-AGCOM. Fil-fatt, fid-dawl tan-numru kunsiderevoli ta' utenti fl-Italja li ma għandhomx smartphone jew li ma jużawx l-internet, miżuri alternattivi, bħall-implimentazzjoni ta' gwidi interattivi jew ta' magna ta' kalkolu li jgħinu sabiex jiġu kkomparati l-offerti kummerċjali abbażi tal-istess indikatur temporali, jistgħu ma jidhrux effettivi. Barra minn hekk, l-impożizzjoni ta' obbligu li tiġi ppubblikata l-istima tal-prezzijiet ukoll fuq bażi ta' kull xahar tista' timmina l-protezzjoni tal-konsumaturi, peress li teżisti l-possibbiltà li tali obbligu joħloq konfużjoni dwar dik li sewwa sew hija s-sustanza tal-klawżoli kuntrattwali dwar il-frekwenza tal-fatturazzjoni.

67 Fl-aħħar nett, ma jidhirx li l-miżuri li huma s-suġġett tad-deċiżjoni inkwistjoni jiddisturbaw b'mod eċċessiv id-drittijiet u l-interessi tal-operaturi ta' servizzi ta' telefonija, peress li, kif jirriżulta mill-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja, dawn ma jaffettwawx, fost oħrajn, il-libertà tagħhom li jiffissaw il-prezz tas-servizzi tagħhom u li jagħmlu offerti kummerċjali bi frekwenza ta' iktar minn erba' ġimgħat. Konsegwentement, ma jidhirx li dawn il-miżuri joħolqu inkonvenjent sproporzjonat fid-dawl tal-għanijiet imfittxija.

68 Fir-rigward tal-osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, li l-Artikolu 8(5)(b) tad-Direttiva Qafas jikkonkretizza f'din id-direttiva, għandu jiġi rrilevat li, skont ġurisprudenza stabbilita, dan il-prinċipju jitlob li sitwazzjonijiet komparabbli ma jkunux ittrattati b'mod

differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jkunux ittrattati bl-istess mod, kemm-il darba tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat (sentenza tal-15 ta' Settembru 2022, Brown vs Il-Kummissjoni u Il-Kunsill, C-675/20 P, EU:C:2022:686, punt 66, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

69 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tippreċiża li d-differenza fit-trattament tas-servizzi ta' telefonija mobbli u tas-servizzi ta' telefonija fissa inkwistjoni fil-kawża prinċipali titnissel mill-fatt li dawn iż-żewġ kategoriji ta' servizzi ma kinux, fil-mument li ttieħdet id-deċiżjoni inkwistjoni, f'sitwazzjonijiet komparabbli.

70 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-komparabbiltà tas-sitwazzjonijiet, sabiex jiġi ddeterminat jekk kienx hemm ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-għan u tal-iskop tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Diċembru 2008, Arcelor Atlantique u Lorraine *et*, C-127/07, EU:C:2008:728, punti 25 u 26; tad-9 ta' Marzu 2017, Milkova, C-406/15, EU:C:2017:198, punti 56 u 57; kif ukoll tas-26 ta' Ġunju 2018, MB (Bidla fil-ġeneru u pensjoni tal-irtirar), C-451/16, EU:C:2018:492, punt 42)).

71 F'dan il-każ, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni li l-għan tagħha huwa li tippermetti lill-ARN jiggarantixxu l-protezzjoni tal-konsumaturi, billi tiżgura, fost oħrajn, bażi uniformi ta' paragun tal-offerti kummerċjali u billi tippermetti kontroll aħjar tal-ispejjeż iġġenerati mis-servizz ipprovdut, id-differenzi relatati mal-karatteristiċi tal-kategoriji ta' servizzi differenti inkwistjoni, b'mod partikolari dawk dwar il-prevalenza ta' ċerti frekwenzi ta' tiġdid ta' dawn l-offerti u ta' fatturazzjoni fi swieq differenti, kif ukoll dawk relatati mal-modalitajiet ta' pagament tal-prezzijiet ta' dawn is-servizzi, imsemmija fil-punt 34 ta' din is-sentenza, jidhru li jixhdu assenza ta' komparabbiltà tas-sitwazzjonijiet ta' dawn il-kategoriji ta' servizzi.

72 F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidher li d-deċiżjoni inkwistjoni ttrattat sitwazzjonijiet differenti b'mod differenti.

73 Minn dan isegwi li, mingħajr preġudizzju għal verifika mill-qorti tar-rinviju, l-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija lill-AGCOM permezz tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali fil-kuntest tad-deċiżjoni inkwistjoni huwa proporzjonat mal-għanijiet imfittxija u josserva wkoll l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

74 B'dan premess, għandu jitfakkar li, fil-kuntest ta' armonizzazzjoni minima, l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet iktar stretti f'dan ir-rigward, kemm-il darba, madankollu, li, b'mod partikolari, dawn tal-aħħar ma jkunux ta' natura li jimminaw serjament ir-riżultat imfittex mid-direttivi inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Lulju 2016, Muladi, C-447/15, EU:C:2016:533, punt 43).

75 F'dan ir-rigward, anki jekk jitqies li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tipprevedi dispożizzjonijiet iktar stretti fir-rigward tal-protezzjoni tal-konsumaturi minn dawk stabbiliti mid-Direttiva Qafas u mid-Direttiva Servizz Universali, għandu jiġi rrilevat li, għall-kuntrarju ta' dak li sostniet Fastweb fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, ma jistax jitqies li din il-leġiżlazzjoni, billi tillimita l-fakultà tal-operaturi ta' telefonija li jirregolaw il-frekwenza tal-offerti kummerċjali tagħhom, tillimita wkoll il-kompetizzjoni bejn l-operaturi ta' servizzi ta' telefonija fl-Italja, peress li dawn tal-aħħar jibqgħu liberi li jipparteċipaw f'tali kompetizzjoni permezz, fost oħrajn, tal-prezz u tal-kwalità tas-servizzi offruti.

76 Barra minn hekk, fir-rigward tal-Artikoli 20 u 21 tad-Direttiva Servizz Universali, ma għandux jitqies li l-imsemmija leġiżlazzjoni ma tosservax l-imsemmija artikoli. Fil-fatt, dawn tal-aħħar jikkonċernaw, kif il-kliem rispettiv tagħhom jindika, l-informazzjoni li għandu jkollhom il-kuntratti ta' provvista ta' servizzi ta' konnessjoni għal network pubbliku ta' komunikazzjoni u/jew ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika aċċessibbli għall-pubbliku u d-dritt tal-abbonati li jirrexxindu l-kuntratt f'każ ta' emenda, kif ukoll l-obbligi ta' trasparenza u ta' pubblikazzjoni ta' informazzjoni li jistgħu jiġu imposti fuq l-impriżi li jipprovdu networks pubbliċi ta' komunikazzjoni elettronika u/jew servizzi ta' komunikazzjoni elettronika aċċessibbli għall-pubbliku. Mill-banda l-oħra, l-imsemmija dispożizzjonijiet ma jikkonċernawx il-kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni tal-kuntratti ta' provvista ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika, li taħthom taqa' l-kwistjoni tal-frekwenza ta' tiġdid tal-offerti kummerċjali u dik ta' fatturazzjoni.

77 L-istess jgħodd għall-Artikolu 22 ta' din id-direttiva, li jirrigwarda l-informazzjoni dwar il-kwalità tas-servizzi li l-impriżi li joffru networks u/jew servizzi ta' komunikazzjoni elettronika aċċessibbli għall-pubbliku jistgħu jintalbu jippubblikaw u dwar ir-rekwiżiti fir-rigward tal-kwalità tas-servizz li l-ARN jistgħu jistabbilixxu.

78 Għalhekk, ma jistax jitqies li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija ta' natura li timmina serjament ir-riżultat imfittex mid-Direttiva Qafas u mid-Direttiva Servizz Universali.

79 Mill-kunsiderazzjonijiet premessi jirriżulta li leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tidher li hija konformi mal-imsemmija direttivi.

### *Fuq l-Artikoli 49 u 56 TFUE*

80 Il-qorti tar-rinviju tfittex li ssir taf ukoll jekk l-imsemmija leġiżlazzjoni nazzjonali hijiex kompatibbli mal-Artikoli 49 u 56 TFEU.

81 Għandu jitfakkar li l-miżuri kollha li jipprojbixxu, ifixklu jew jagħmlu inqas attraenti l-eżerċizzju tal-libertà ggarantita mill-Artikolu 49 u 56 TFUE għandhom jitqiesu bħala restrizzjonijiet għal-libertà tal-istabbiliment u/jew għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi (sentenza tat-22 ta' Jannar 2015, Stanley International Betting u Stanleybet Malta, C-463/13, EU:C:2015:25, punt 45).

82 Il-kunċett ta' restrizzjoni jkopri l-miżuri li jittieħdu minn Stat Membru li, minkejja li japplikaw mingħajr distinzjoni, jaffettwaw l-aċċess għas-suq għall-operaturi ekonomiċi ta' Stati Membri oħra (sentenzi tad-29 ta' Marzu 2011, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-565/08, EU:C:2011:188, punt 46, u tal-14 ta' Frar 2019, Milivojević, C-630/17, EU:C:2019:123, punt 64).

83 Fil-kawża prinċipali, huwa paċifiku li l-miżuri inklużi fid-deċiżjoni inkwistjoni, adottati konformement mal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti, japplikaw indipendentement mill-post tal-istabbiliment tal-fornituri ta' servizzi ta' telefonija.

84 Madankollu, Fastweb issostni li dawn il-miżuri jikkostitwixxu restrizzjoni għal-libertà tal-istabbiliment u għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi minħabba li r-Repubblika Taljana hija l-uniku Stat Membru li fih l-ARN għandha s-setgħa li tistabbilixxi frekwenzi minimi ta' fatturazzjoni u li, konsegwentement, operatur stabbilit fi Stat Membru ieħor għandu, fost oħrajn, jadotta sistema ta' ġestjoni u ta' fatturazzjoni differenti sabiex jadatta ruħu għall-qafas regolatorju Taljan, ħtieġa li tesponih għal spiża amministrattiva addizzjonali.

85 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ma tikkostitwixxix restrizzjoni fis-sens tat-Trattat FUE minħabba l-fatt biss li Stati Membri oħra japplikaw regoli inqas stretti jew ekonomikament iktar interessanti għall-forrnituri ta' servizzi simili stabbiliti fit-territorju tagħhom (sentenza tat-12 ta' Settembru 2013, Konstantinides, C-475/11, EU:C:2013:542, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

86 Minn dan jirriżulta li, kif irrileva, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali, fil-punti 50 u 51 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-eżistenza ta' restrizzjoni fis-sens tat-Trattat FUE ma tistax tinġibed mill-fatt biss li l-limitazzjonijiet stabbiliti permezz tad-deċiżjoni inkwistjoni ma jeżistux fi Stati Membri oħra.

87 F'dan il-każ, mill-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja ma jirriżultax li l-ispiża amministrattiva addizzjonali allegata minn Fastweb hija, fiha nnifisha, ta' natura li tiskoraġġixxi lill-operaturi ekonomiċi ta' Stati Membri oħra milli jeżerċitaw il-libertajiet iggarantiti mill-Artikoli 49 u 56 TFUE.

88 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet premessi, ir-risposta għat-tieni, it-tielet u r-raba' domanda għandha tkun li l-Artikoli 49 u 56 TFUE, kif ukoll l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(1), l-Artikolu 8(2)(a), (4)(b) u (d) u (5)(b) tad-Direttiva Qafas, kif ukoll l-Artikoli 20 sa 22 tad-Direttiva Servizz Universali, moqrija fid-dawl tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ugwaljanza fit-trattament, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jżommux leġiżlazzjoni nazzjonali milli tagħti lill-ARN is-setgħa li tieħu deċiżjoni li tobbliga, minn naħa, lill-operaturi ta' servizz ta' telefonija mobbli jadottaw frekwenza ta' tiġdid tal-offerti kummerċjali u frekwenza ta' fatturazzjoni li ma jkunux inqas minn erba' ġimgħat u, min-naħa l-oħra, lill-operaturi ta' servizzi ta' telefonija fissa u ta' servizzi relatati jadottaw frekwenza ta' tiġdid ta' tali offerti u frekwenza ta' fatturazzjoni fuq bażi ta' kull xahar jew ta' diversi xhur, kemm-il darba, fid-dawl tal-għan u tal-iskop ta' din il-leġiżlazzjoni nazzjonali, iż-żewġ kategoriji ta' servizz inkwistjoni jkunu f'sitwazzjonijiet differenti.

**Fuq l-ispejjeż**

89 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikoli 49 u 56 TFUE, kif ukoll l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(1) u l-Artikolu 8(2)(a), (4)(b) u (d) u (5)(b) tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru), kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009, kif ukoll l-Artikoli 20 sa 22 tad-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet ta' l-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali), kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009, moqrija fid-dawl tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ugwaljanza fit-trattament,**

**għandhom jiġu interpretati fis-sens li:**

**ma jżommux leġiżlazzjoni nazzjonali milli tagħti lill-awtorità regolatorja nazzjonali s-setgħa li tieħu deċiżjoni li tobbliga, minn naħa, lill-operaturi ta' servizz ta' telefonija mobbli jadottaw frekwenza ta' tiġdid tal-offerti kummerċjali u frekwenza ta' fatturazzjoni li ma jkunux inqas minn erba' ġimgħat u, min-naħa l-oħra, lill-operaturi ta' servizzi ta' telefonija fissa u ta' servizzi relatati jadottaw frekwenza ta' tiġdid ta' tali offerti u frekwenza ta' fatturazzjoni fuq bażi ta' kull xahar jew ta' diversi xhur, kemm-il darba, fid-dawl tal-għan u tal-iskop ta' din il-leġiżlazzjoni nazzjonali, iż-żewġ kategoriji ta' servizz inkwistjoni jkunu f'sitwazzjonijiet differenti.**

Firem